restija—Habbar ta' Ġesù Sagramentat", bħala organu ta' qari għad-devoti tal-"Adorazzjoni Perpetwa."

Papa Piju XI żejnu bil-medalja "Benemerenti" wara li kien diġa' ħa d-dekorazzjoni "Pro Ecclesia et Pontefice" minn għand Papa Leone XIII. Il-Papa Piju X kien għażlu Kuġitur ta' l-Arċisqof Pietru Pace—unur u pis li fl-umiltà tiegħu baża' jaċċetta. Fit-12 ta' Marzu, 1932, Mons. Vella ġie magħżul minn Ruma għad-dinjita ta' Arċidjaknu tal-Knisja Katidrali t'Għawdex.

Mons. Vella kien magħruf ukoll bħala kittieb ta' proża ekklesjastika, kif semmejna qabel. Barra milli kien Editur tal-perjodiku "L-Ewkarestija" u tal-folju l-ieħor "Id-Devot ta' Marija". Mons. Vella ħalla warajh bosta kotba: kotba fuq il-ħajja tal-Martri u fuq il-Fidi, fosthom il-Ħajja ta' *San Ġorġ Martri; Il-Ġeneral Ruman; Sant'Ewfrosina, San Mammante* u *Abdul Għaxrif*; kotba spiritwali ta' Meditazzjoni u Adorazzjoni: *il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu*, fi tnax-il ktieb, u *Ir-Ruħ Nisranija Quddiem Ġesù, Sagramentat* fi tliet volumi; rakkonti storiċi fuq ġrajjiet il-gżira t'Għawdex, bħalma huma: *Fernandu Montagnes, Bernardu Depuò, Isolda, Imħabba ta' Bint il-Hakem* u *Nikol Abdul.*

Mons. Dun Lwiġi Vella miet fis-17 ta' Lulju, fl-1928 mibki mill-poplu kollu t'Għawdex.

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA

*Ir-Rużarju* — Xandir ta' Kultura Dumnikana. Vol. XII. Jannar - Marzu, 1961. Nru. 4. Minn P. Val. Barbara, Editur. (Lux Press.)

*Ġabra ta' Proża għat-Tfal* — It-Tielet Ktieb. Minn għand R. Vella Tomlin — Awtur. (A. C. Aquilina & Co. Edituri.) 1960.

*Glimpses of Natural Science in an Eighteenth Century Manuscript* by Reginald Vella Tomlin. (Reproduced from "Melita Historica" Vol: 3, No. 1.—1960). (Giov: Muscat & Co. Ltd. *Printers*).



## MET'INTI TMUTLI

*Ta'* PATRI VALENTIN V. BARBARA, O.P.

Met'inti tmutli, Poeżija tiegħi,
U iżjed f'qalbi leħnek li jsaħħarni
Ma jinstamax, jibqagħli forsi d-diwi
T'għanja li tgħaxxaq f'ruħi li jsabbarni?

Met'inti tmutli, o Poeżija ħelwa,
U minn ġo deħni iżjed qatt il-fewġa
Tiegħek ma trewwaħ, tibqa' forsi tiġi
Tbusni fuq qalbi b'ta' l-imħabba l-mewġa?

Jew forsi l-univers, bix-xemx u l-qamar,
Bil-kwiekeb u b'kull dija li tagħnih,
Jinħall bħas-silġ ġo moħħi u minn għajnejja
Iġelben bħala dmugħ f'baħar bla qiegħ?

Met'int tintfieli, o għaxqa waħdanija
Li baqagħli hawnhekk f'din l-art ta' mrar,
U miegħek ta' kull hena, ta' kull ħeġġa,
U ta' kull ħajja nħoss jintfieli x-xrar,

Għad nobgħod forsi 'l min l-għana jnixxifli
U ngħir għal min tiegħu ma jitlef qatt —
Jien li l-mibegħda ma nafx x'togħma fiha,
Jiena li f'għomri qatt ma għert għal ħadd?

Met'int titbiegħed u tħallini waħdi,
Itturufnat interraq mejjet ħaj
F'dal-wied tad-dmugħ, għad forsi jien nitbellaħ
Qisni ħliqa bla dawl, magna bla raj?

Jiena ma nafx; naf ħaġa waħda: ħajti
Mingħajrek qisha dell ta' filgħaxija
Jitwal jitwal sakemm il-lejl sewdieni
Jistor fil-kefen tiegħu kull sbuħija.

U kewkba waħda — it-tama — 'l bogħ'd fis-sema
Tibqa' traxxax bil-mod dijitha rżina
Fil-għajnejn niedja tal-poeta msejken
Li jkun jistenna l-jum meta, ħanina,